2025/2458

12.12.2025

REGOLAMENT (UE) 2025/2458 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Novembru 2025

dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni għandha rwol ċentrali fil-proċessi tat-tfassil tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet u għalhekk huma meħtieġa għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari politiki li jindirizzaw it-tibdil demografiku u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, politiki marbuta mal-qafas għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u l-politiki relatati mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ukoll dawk meħtieġa għall-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) sa fejn dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(2) L-istatistika soċjali Ewropea, inkluż statistika dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, bħalissa hija prodotta abbażi ta' għadd ta' atti leġiżlattivi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkompli l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istatistika soċjali Ewropea bla xkiel, li bdew bir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3].

(3) L-istatistika dwar il-popolazzjoni hi denominatur importanti għal firxa wiesgħa ta' indikaturi ta' politika u tintuża bħala referenza fl-istatistika Ewropea kollha, b'mod partikolari biex jingħataw oqfsa tal-kampjunar għal stħarriġiet rappreżentattivi tal-persuni u tal-unitajiet domestiċi skont ir-Regolament (UE) 2019/1700.

(4) Il-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji sikwit jagħti mandat lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jevalwa s-sostenibbiltà fit-tul u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi abbażi tal-projezzjonijiet tal-popolazzjoni magħmulin mill-Eurostat. Dawn il-projezzjonijiet tal-popolazzjoni jintużaw ukoll għall-analiżi tal-politika fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-istatistika kollha meħtieġa biex tipproduċi u tippubblika projezzjonijiet tal-popolazzjoni li jikkorrespondu mal-ħtiġijiet tal-informazzjoni tal-Unjoni.

---

[1] ĠU C 228, 29.6.2023, p. 148.

[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 (ĠU C, C/2025/3787, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3787/oj) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-29 ta' Settembru 2025 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2025.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj).

(5) Skont l-Artikolu 175, it-tieni paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport, kull tliet snin, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-progress li jkun sar fil-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Id-data reġjonali u lokali, inkluż għal tipi territorjali differenti bħar-reġjuni tal-fruntieri, il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali tagħhom, ir-reġjuni metropolitani, ir-reġjuni rurali u r-reġjuni muntanjużi u tal-gżejjer, hija meħtieġa għat-tħejjija ta' dawk ir-rapporti u għall-monitoraġġ regolari tal-iżviluppi demografiċi u tal-isfidi demografiċi futuri possibbli fit-territorji tal-Unjoni.

(6) Skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill hija definita, fost l-oħrajn, abbażi tal-popolazzjoni tal-Istati Membri. Għal dak l-għan, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), l-Istati Membri bħalissa huma obbligati jipprovdu data lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar il-popolazzjoni totali tagħhom fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jipprovdu tali informazzjoni lill-Kummissjoni (Eurostat) skont dan ir-Regolament.

(7) Fl-2017, il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika adotta l-"Memorandum ta' Budapest dwar il-Movimenti tal-Popolazzjoni u Kwistjonijiet ta' Integrazzjoni - Statistika dwar il-Migrazzjoni" (il-"Memorandum ta' Budapest"), li ddikjara l-ħtieġa ta' statistika annwali dwar id-daqs u ċerti karatteristiċi soċjali, ekonomiċi u demografiċi tal-popolazzjoni. Sabiex tirrispetta l-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni u biex tirrispetta d-drittijiet taċ-ċittadini individwali kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 10 u 19 TFUE, l-Unjoni teħtieġ statistika affidabbli u komparabbli. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jipprovdi qafas għall-ġbir tad-data minn kampjuni li jippermettu l-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, sa fejn dak ikun fattibbli abbażi ta' kampjuni, u l-analiżi ta' xi aspetti tal-ugwaljanza u tad-diskriminazzjoni billi jinħolqu indikaturi soċjoekonomiċi u informazzjoni dwar l-esperjenza tad-diskriminazzjoni. Minbarra dan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) iwettqu studji speċifiċi u stħarriġiet apposta li jistgħu jkomplu jestendu d-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-ugwaljanza fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) tagħmel disponibbli data u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol miġbura permezz ta' stħarriġiet. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni futuri bejn l-Istati Membri, l-Eurostat, FRA, EIGE u Eurofound, taħt l-oqfsa legali rilevanti, jissaħħu biex jissodisfaw id-domandi dejjem akbar tal-utenti għal data affidabbli u komprensiva dwar l-ugwaljanza u d-diversità fl-Unjoni.

(8) Il-Memorandum ta' Budapest appella wkoll għal statistika mtejba dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' definizzjonijiet komuni relatati mal-popolazzjoni u l-migrazzjoni, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu stabbiliti kunċetti u definizzjonijiet li huma statistikament sodi, rilevanti u applikabbli fid-dawl tat-tipi emerġenti ta' migrazzjoni. L-avvenimenti reċenti u li għadhom għaddejjin, bħall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u l-kriżijiet umanitarji bħall-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jissottolinjaw l-importanza ta' statistika f'waqtha u dettaljata dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, li huma essenzjali biex tiġi stabbilita ħarsa ġenerali lejn il-flussi migratorji lejn l-Unjoni, fiha u minnha.

(9) Biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' politiki effettivi jeħtieġu statistika aħjar dwar l-użu u l-effiċjenza tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet, data ġeografika dettaljata dwar id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni, u studji aktar profondi tar-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa ta' statistika affidabbli, frekwenti u f'waqtha dwar l-imwiet fl-Unjoni. L-Unjoni teħtieġ mekkaniżmu adegwat għall-ġbir obbligatorju ta' tali data fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) imwettqa bil-frekwenza, bil-puntwalità u bid-dettall meħtieġa.

(10) Il-ġbir obbligatorju tad-data fi ħdan l-ESS abbażi ta' dan ir-Regolament huwa maħsub li jiffaċilita l-monitoraġġ regolari u f'waqtu tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni relatat, u fil-kisba tal-miri tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal stabbiliti bir-Rakkommandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 ([5]) fil-livell nazzjonali, filwaqt li jipprovdi wkoll data biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-impatt distributtiv tat-tibdil fil-klima u l-politiki rilevanti.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar statistika demografika Ewropea (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1260/oj).

([5]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1004/oj).

(11) Kull għaxar snin, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), wara proposta mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-NU, jadotta riżoluzzjonijiet dwar iċ-Ċensiment Dinji tal-Popolazzjoni u tal-Akkomodazzjoni u jistieden lill-pajjiżi membri tan-NU biex iwettqu ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni skont rakkomandazzjonijiet internazzjonali u reġjonali u billi jħaddmu l-integrità, l-affidabbiltà, l-akkuratezza u l-valur tar-riżultati taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tqis dawk ir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

(12) Is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv huma objettiv ċentrali tal-Unjoni. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2023 dwar il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030 għandu l-għan li jirrazzjonalizza u jissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar b'25 % għall-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet, filwaqt li ma jimminax l-objettivi ta' politika relatati. Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) stabbilixxa qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea abbażi ta' prinċipji statistiċi komuni. Dak ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji ta' kwalità u jirreferi għall-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż tar-rispons minn fuq ir-rispondenti tal-istħarriġ u li jingħata kontribut għall-objettiv aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv. Qafas legali ġdid għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkun jimplimenta u jibni fuq il-kriterji ta' kwalità stipulati f'dak ir-Regolament u jnaqqas il-piż amministrattiv billi jaċċetta l-użu effettiv u effiċjenti tas-sorsi tad-data disponibbli, inkluż id-data amministrattiva.

(13) Peress li r-rekords amministrattivi huma l-aktar sorsi ta' data kosteffiċjenti u amministrattivament effiċjenti li jħaddnu l-prinċipju ta' "darba biss", jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw għas-settijiet tad-data kollha pprovduti lill-Kummissjoni, dment li l-Istati Membri jikkonfermaw, fejn applikabbli bl-użu ta' metodi ta' stima, li l-kopertura u l-kwalità ta' dawk is-sorsi tad-data huma suffiċjenti u dment li jiddeskrivu bir-reqqa l-kopertura u l-kwalità fir-rapporti tal-kwalità u fil-metadata li jakkumpanjaw it-trażmissjoni tad-data.

(14) L-evalwazzjoni tal-istatistika ppubblikata dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni, dwar il-flussi migratorji internazzjonali, l-istokkijiet migratorji, il-kisba taċ-ċittadinanza, u dwar id-demografija wriet li l-qafas legali attwali, li jinkludi r-Regolamenti (KE) Nru 862/2007 ([7]) u (KE) Nru 763/2008 ([8]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (UE) Nru 1260/2013, wassal għal titjib ġenerali sinifikanti fl-istatistika meta mqabbel mas-sitwazzjoni tal-2005, qabel ma l-qafas legali attwali kien fis-seħħ. Madankollu, dak il-qafas għandu nuqqas ta' koerenza u komparabbiltà potenzjali, li jenħtieġ li jiġi indirizzat.

(15) It-tibdil fil-klima, it-tranżizzjoni diġitali, is-sitwazzjoni demografika li qed tevolvi u x-xejriet reċenti tal-migrazzjoni ħolqu talbiet għal statistika Ewropea aktar f'waqtha, aktar frekwenti u aktar dettaljata dwar il-popolazzjoni, l-iżviluppi soċjoekonomiċi, avvenimenti vitali u l-akkomodazzjoni, inkluż dettalji ta' suġġetti jew gruppi li saru rilevanti politikament u soċjalment fl-aħħar deċennju. Minbarra dan, il-qafas legali attwali mhuwiex flessibbli biżżejjed biex jadatta għall-ħtiġijiet evolventi tal-politika u biex jippermetti l-użu ta' sorsi ġodda fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Barra minn hekk, l-istruttura tal-qafas legali attwali, fil-forma ta' tliet Regolamenti separati adottati fi żminijiet differenti, ikkawżat inkonsistenzi fl-istatistika li tirriżulta. Fl-aħħar nett, billi r-Regolament (UE) Nru 1260/2013 ser jieqaf japplika fil-31 ta' Awwissu 2028, hemm bżonn qafas legali ġdid għall-istatistika demografika miġbura skont dak ir-Regolament. Il-qafas legali l-ġdid jenħtieġ li jkun aktar koerenti u flessibbli, jenħtieġ li jemenda d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 u jenħtieġ li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data soġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/862/oj).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/763/oj).

(16) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 ikopri l-istatistika dwar il-pajjiż taċ-ċittadinanza u l-post tat-twelid tal-popolazzjoni residenti (stokkijiet migratorji), dwar il-bidla tar-residenza bejn il-pajjiżi (flussi migratorji internazzjonali) u dwar il-kisba taċ-ċittadinanza mill-popolazzjoni residenti. L-istatistika l-oħra miġbura f'konformità ma' dak ir-Regolament tikkonċerna l-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji relatati mal-leġiżlazzjoni tal-immigrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali. L-istatistika msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament hija marbuta mill-qrib ma', u jenħtieġ li tkun konsistenti ma', l-istatistika dwar il-popolazzjoni residenti u l-bidliet demografiċi previsti mir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013. Għaldaqstant, jenħtieġ li biex tkun żgurata l-konsistenza, dik l-istatistika tiġi integrata f'bażi legali waħda u jenħtieġ li l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 jitħassar.

(17) In-natura li qed tinbidel malajr ta' ċerti karatteristiċi tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu ċerti fenomeni demografiċi, soċjoekonomiċi u migratorji, u l-ħtieġa korrispondenti li l-politiki jiġu mmirati u adattati fil-pront tfisser li l-istatistika jeħtieġ tkun disponibbli f'waqtha, minnufih wara l-perjodu ta' referenza rilevanti għal tali statistika. Għalhekk jenħtieġ li l-perjodiċità u t-tempestività tal-istatistika jinżdiedu b'mod sostanzjali, fejn ikun possibbli permezz tal-użu ta' *data* amministrattiva u rekords amministrattivi. Għal dak il-għan, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu riżorsi adegwati għall-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom.

(18) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jistabbilixxi metodoloġija abbażi tal-grilja għad-definizzjoni ta' tipoloġiji territorjali, ibbażati fuq id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni f'ċelloli tal-grilja ta' 1 km^2. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1799 ([10]), li stabbilixxa azzjoni statistika diretta temporanja għad-disseminazzjoni ta' suġġetti magħżula li takkumpanja ċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni tal-2021, jipprevedi eżiti ewlenin taċ-ċensiment dwar grilja pan-Ewropea ta' 1 km^2. Jenħtieġ li l-qafas legali l-ġdid jiżgura d-disseminazzjoni kontinwa ta' statistika dwar il-popolazzjoni ġeoreferenzjata abbażi tal-grilji, u li jkun jista' jiġi estiż għall-istatistika dwar l-akkomodazzjoni.

(19) L-unitajiet territorjali u l-grilji tal-istatistika kif imsemmi f'dan ir-Regolament huma maħsubin li jkunu l-istess bħal dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.

(20) Għall-fini tal-ġeokodifikazzjoni tal-pożizzjoni, għandha tintuża t-tema tal-Unitajiet Statistiċi stabbilita fl-Anness III tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]).

(21) Il-qafas legali attwali għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jiġi aġġornat biex ikun żgurat li l-proċessi statistiċi attwalment separati jiġu integrati f'qafas komuni li jippermetti lill-ESS tirrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ġodda tal-informazzjoni tal-Unjoni u li jħeġġeġ l-innovazzjonijiet statistiċi. Huwa meħtieġ li jittejbu l-eżiti statistiċi sabiex jibqgħu rilevanti fid-dawl tal-bidliet u l-isfidi demografiċi, migratorji, soċjali u ekonomiċi, b'hekk jiġu appoġġati t-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet.

(22) L-istatistika regolari (annwali u infrannwali) mtejba dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tiġi kkumplimentata b'informazzjoni minn ċensimenti kkoordinati tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni li jsiru kull għaxar snin skont il-Prinċipji u r-Rakkomandazzjonijiet tan-NU għal Ċensimenti tal-Popolazzjoni u tal-Akkomodazzjoni. Iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni jagħtu opportunità unika biex l-istatistika uffiċjali ssir viżibbli mil-lat ta' operazzjoni u mil-lat ta' riżultati.

(23) Iċ-ċensimenti tal-Unjoni tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni jenħtieġ li jsiru aktar kosteffettivi billi jsir użu sħiħ tas-sett rikk ta' *data* amministrattiva disponibbli fl-Istati Membri jew b'taħlita ta' metodoloġiji u sorsi innovattivi, inkluż sorsi ġodda li joħorġu mill-forniment tas-servizzi diġitali. Jenħtieġ li dawk iċ-ċensimenti jintużaw ukoll biex terġa' tiġi stabbilita l-linja bażi demografika. L-użu ta' tali sorsi ġodda jenħtieġ li jkun soġġett għas-salvagwardji legali, tekniċi u proċedurali stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1059/oj).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1799 tal-21 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment ta' azzjoni statistika diretta temporanja għad-disseminazzjoni ta' suġġetti magħżula taċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tad-djar tal-2021 ġeokodifikat fuq grilja ta' 1 km^2 (ĠU L 296, 22.11.2018, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1799/oj).

([11]) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2007/2/oj).

(24) L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' sorsi tad-*data* sabiex jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni ta' kwalità għolja b'mod kosteffettiv. F'dak ir-rigward, hu kruċjali li l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 (l-"awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika") ikunu jistgħu jaċċessaw u jitħallew jużaw, id-*data* amministrattiva li tkun proprjetà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, f'waqtu f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Pereżempju, l-istatistika dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini tista' tissejjes fuq *data* amministrattiva relatata mal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-enerġija tal-bini skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]). Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jkunu jistgħu jkollhom aċċess f'waqtu u regolari għall-bażijiet tad-*data* nazzjonali dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija skont id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jeħtieġ ukoll li jkunu involuti fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil u l-iżvilupp mill-ġdid tas-sorsi tad-*data* amministrattiva rilevanti sabiex ikun żgurat li dawk is-sorsi tad-*data* jkunu jistgħu jibqgħu jintużaw għall-kompilazzjoni tal-istatistika uffiċjali.

(25) Fl-aħħar snin, inħolqu bażijiet tad-data komprensivi fil-livell tal-Unjoni u sistemi tal-interoperabbiltà relatati mar-residenza, l-avvenimenti vitali, iċ-ċittadinanza u l-movimenti migratorji u transfruntieri tal-popolazzjoni bħal dawk stabbiliti bir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014 ([14]), (UE) 2018/1724 ([15]), (UE) 2019/817 ([16]) u (UE) 2019/818 ([17]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn jipprovdu informazzjoni utli li tista' tintuża għall-kompilazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

(26) Hu essenzjali li l-Kummissjoni (Eurostat) tkun tista' tuża d-*data* minn bażijiet tad-*data* fil-livell tal-Unjoni u sistemi tal-interoperabbiltà għal finijiet statistiċi biss, soġġetta għall-applikazzjoni b'mod strett tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]). Dan jenħtieġ li jkun japplika, b'mod partikolari, għad-*data* statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) stabbilit bl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/817, bl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, u bir-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-*data* statistika tagħhom jinħażnu fis-CRRS. B'mod partikolari, meta jitqies li s-CRRS għandu jipprovdi data statistika u rapportar analitiku transsettorjali għall-finijiet ta' politika, operazzjonali u ta' kwalità tad-data, il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tikkoopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fil-Qasam tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja (eu-LISA), sa fejn ikun possibbli, bil-ħsieb li tingħata l-istatistika Ewropea meħtieġa.

([12]) Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/31/oj).

([13]) Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L, 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj).

([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj).

([16]) Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/oj).

([17]) Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(27) *Data* miżmuma privatament tirreferi għall-ammont vast ta' *data* miżmuma minn entitajiet privati miksuba bħala riżultat tal-attività tagħhom, li tkun tista' tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u mill-Kummissjoni (Eurostat) biex jipproduċu statistika uffiċjali. Din id-*data* tista' ttejjeb il-kopertura, it-tempestività u l-kapaċitajiet tar-rispons għall-kriżijiet tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni u tista' tippermetti l-innovazzjoni statistika. Din id-*data* għandha l-potenzjal li tikkumplimenta l-istatistika eżistenti dwar id-demografija u l-migrazzjoni, tikseb l-innovazzjoni statistika, u tgħin fil-produzzjoni ta' stimi bikrija, dment li d-drittijiet u l-libertajiet tad-detenturi tad-*data* huma protetti. L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom aċċess għal dik id-*data* u jistgħu jużaw tali *data* u jistgħu jikkooperaw mad-detenturi privati tad-*data* skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(28) Biex tkun żgurata l-komparabbiltà tal-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hu essenzjali li jintużaw id-definizzjonijiet komuni tal-popolazzjoni u jiġu implimentati b'mod armonizzat. Biex il-bażi armonizzata unika tal-popolazzjoni tiġi implimentata b'mod konsistenti, sod u kosteffettiv filwaqt li jkunu żgurati riżultati f'waqthom, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu applikati tekniki tal-immudellar u metodi statistiċi bbażati fuq ix-xjenza bħas-sinjali tal-ħajja, meta dan ikun xieraq.

(29) Bl-għan li tiġi żgurata l-ogħla kwalità ta' kopertura, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw metodi ta' stima biex jiksbu stima preċiża tal-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw metodi ta' stima għal diżaggregazzjonijiet aktar dettaljati, inkluż diżaggregazzjonijiet ġeografiċi. Nuqqas sostanzjali ta' għarfien ta' karatteristiċi individwali, bħall-età u s-sess, huwa inerenti għal xi metodi ta' stima, pereżempju meta tiġi stmata statistika abbażi ta' *data* li ma tkunx disponibbli minn sorsi amministrattivi jew sorsi oħra. Meta tali metodi ta' stima jirriżultaw f'livell insuffiċjenti ta' dettall ta' diżaggregazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw kategorija ta' aġġustament iddedikata sabiex jistmaw il-popolazzjoni fis-settijiet ta' *data* rilevanti kollha. L-użu ta' tali kategoriji ta' aġġustament, li jindikaw *data* "mhux magħrufa", jipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa għal sitwazzjonijiet fejn ikunu ntużaw is-sorsi ta' *data* kollha disponibbli u ma jkun jista' jinkiseb l-ebda dettall ulterjuri. Jenħtieġ li l-Istati Membri, meta jużaw kategorija ta' aġġustament iddedikata, jispjegaw il-metodoloġija tagħhom u jipprovdu raġunijiet għall-użu ta' kategorija ta' aġġustament fir-rapporti tal-kwalità rilevanti.

(30) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu d-*data* u l-metadata tagħhom b'mod elettroniku u bil-format tekniku xieraq li ser tipprovdi l-Kummissjoni (Eurostat). Jenħtieġ li jintużaw l-istandards internazzjonali, bħall-inizjattiva tal-Iskambju tad-*Data* u tal-Metadata tal-Istatistika (SDMX), u l-istandards tekniċi jew tal-istatistika żviluppati fl-Unjoni, bħall-istandards tal-metadata u tal-validazzjoni jew il-prinċipji tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà, sa fejn ikun rilevanti għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika approva l-istandards tal-ESS għall-metadata u r-rapporti tal-kwalità, stabbiliti fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dawk l-istandards ser jikkontribwixxu għall-armonizzazzjoni tal-assigurazzjoni tal-kwalità u tar-rapportar skont dan ir-Regolament, u għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti.

(31) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tissodisfa l-kriterji tal-kwalità b'rabta mar-rilevanza, l-akkuratezza, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-koerenza stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Il-kwalità ta' dik l-istatistika jenħtieġ li tiżdied sa fejn jevolvu l-ħtiġijiet tal-Unjoni, u jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jindirizzaw sitwazzjonijiet possibbli fejn il-kwalità tad-*data* ma tkunx iggarantita. Ir-riżultati xierqa tal-valutazzjoni tal-kwalità mwettqa mill-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li jkunu disponibbli pubblikament għall-utenti tal-istatistika billi jiġi żgurat aċċess bla ħlas u faċli għal din l-istatistika mill-bażijiet tad-*data* tal-Kummissjoni (Eurostat) fuq is-sit web tagħha u fil-pubblikazzjonijiet tagħha.

(32) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tindirizza n-nuqqas persistenti ta' *data* dwar gruppi tal-popolazzjoni diffiċli biex jintlaħqu bħal persuni li jirrisjedu f'istituzzjonijiet, persuni b'diżabilità, persuni mingħajr dar, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u persuni apolidi. Sabiex tinqabad l-aħjar stampa possibbli tas-soċjetà u biex jiġu evitati l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforz biex jiżguraw li l-gruppi tal-popolazzjoni diffiċli biex jintlaħqu jkunu koperti b'mod preċiż. L-istudji pilota u ta' fattibbiltà mnedija skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw din il-kwistjoni.

(33) Sabiex ikun hemm politiki adegwati, f'waqthom u effettivi, huwa meħtieġ li tinkiseb *data* affidabbli u komparabbli, diżaggregata skont il-ġeneru, l-età u, meta rilevanti, in-nazzjonalità, l-istatus soċjoekonomiku, iż-żona ġeografika u karatteristiċi oħra f'konformità mal-prinċipji statistiċi stabbiliti fl-Artikolu 338 TFUE u mal-Kodiċi ta' prattika tal-Istatistika Ewropea u l-Qafas ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-ESS. Dik id-*data* hija importanti sabiex wieħed jifhem aħjar ix-xejriet tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni intersezzjonali u jiġu implimentati u vvalutati l-politiki, l-objettivi politiċi u l-azzjonijiet tal-Unjoni, bħall-Istrateġija Ewropea għall-Kura stipulata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Settembru 2022 dwar l-istrateġija Ewropea għall-kura, l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà stipulata fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2021 dwar Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà għall-2021-2030 u l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar imnedija bid-Dikjarazzjoni ta' Liżbona tal-21 ta' Ġunju 2021 dwar il-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar, li kollha jiddependu ħafna minn *data* dwar l-unitajiet domestiċi u l-familji. Id-diżaggregazzjoni skont id-diżabbiltà jenħtieġ li tiġi mħeġġa bl-użu ta' sorsi ta' *data* amministrattivi eżistenti u ġodda bħala ingranaġġ. Il-ġbir u l-użu tad-*data* għandhom jitwettqu b'rispett sħiħ tal-istandards tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-privatezza u għal drittijiet fundamentali oħra, b'mod partikolari meta jinvolvu *data* dwar il-minorenni. Id-diżaggregazzjoni skont il-ġeneru jenħtieġ li tirrifletti d-*data* disponibbli fl-Istati Membri. F'xi Stati Membri, bħalissa huwa possibbli li persuni jirreġistraw legalment li għandhom it-tielet ġeneru, li spiss ikun ġeneru newtrali. Dan ir-Regolament ma jaffettwax ir-regoli nazzjonali rilevanti li jagħtu effett lil tali rikonoxximent.

(34) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 jinkludi regoli dwar il-forniment tad-*data* mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat) u dwar l-użu ta' din id-*data*, inkluż dwar it-trażmissjoni u l-protezzjoni tad-*data* kunfidenzjali. Il-miżuri meħuda f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw li d-*data* kunfidenzjali tingħata u tintuża esklużivament għall-finijiet tal-istatistika skont l-Artikoli 21 u 22 ta' dak ir-Regolament.

(35) Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tirrispetta l-kunfidenzjalità statistika tad-*data* mogħtija mill-Istati Membri skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Rigward l-istatistika dwar il-popolazzjoni miġbura skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinħoloq approċċ armonizzat li jiżgura l-kwalità għolja tal-aggregati statistiċi fil-livell Ewropew, jevita l-iżvelar tad-*data* kunfidenzjali fl-eżiti statistiċi, u jevita kemm jista' jkun is-soppressjoni tad-*data*.

(36) Is-sorsi tad-*data* disponibbli fil-livell nazzjonali mhux dejjem ikunu jistgħu jaqbdu eżattament il-fenomeni relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntiera relatati ma' avvenimenti vitali u l-eżerċitar tad-drittijiet tal-persuni li jixtru u li jkunu sidien tal-akkomodazzjoni tagħhom stess użata bħala akkomodazzjoni primarja, villeġġjatura u sekondarja fl-Unjoni. Hemm ukoll asimetriji fil-flussi migratorji bilaterali u diffikultajiet biex jitkejlu l-gruppi tal-popolazzjoni, pereżempju fost popolazzjonijiet ta' migranti, ta' dawk mingħajr saqaf jew apolidi. Għalhekk jenħtieġ li tissaħħaħ il-kondiviżjoni tad-*data* għall-fini tal-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni u li tkun żgurata l-kwalità tagħha, u titqies bħala sors ieħor tad-*data*. Din il-kondiviżjoni msaħħa tad-*data* jenħtieġ li tkopri firxa tad-*data* rilevanti, inkluż *data* li b'mod ċar ma tippermettix, kemm direttament jew indirettament, l-identifikazzjoni tal-unitajiet statistiċi. Jenħtieġ li tkun tista' tkopri *data* li tkun potenzjalment soġġetta għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri, fl-interess tagħhom stess u fl-interess tal-Istati Membri l-oħra, jenħtieġ li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kondiviżjoni tad-*data*, inkluż fi proġetti pilota li jivvalutaw soluzzjonijiet siguri innovattivi. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll infrastruttura sigura biex tiffaċilita din il-kondiviżjoni tad-*data* u tiżgura s-salvagwardji meħtieġa kollha għall-protezzjoni tad-*data*.

(37) Il-kondiviżjoni tad-*data* kunfidenzjali jenħtieġ li ssir biss wara talba li tiġġustifika l-ħtieġa ta' kondiviżjoni ta' dik id-*data* skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

(38) Fit-tul, l-isforzi kollaborattivi fl-ESS li jimmitigaw it-tħassib transfruntier dwar il-kwalità tal-istatistika, bħad-duplikar tar-residenti tal-Unjoni li jgawdu l-libertà tal-moviment, jenħtieġ li jibbenefikaw minn, pereżempju, l-identifikaturi diġitali uniċi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

(39) Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]), għar-Regolament (UE) 2018/1725, u għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]). Fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħhom, dawk l-atti leġiżlattivi għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-*data* personali skont dan ir-Regolament, filwaqt li jitqies ukoll li d-*data* personali pproċessata għal finijiet statistiċi fl-interess pubbliku hija *data* kunfidenzjali statistika, soġġetta għall-prinċipju tal-kunfidenzjalità statistika. Għalhekk, tali *data* għandha tintuża biss għal finijiet statistiċi u ma għandha qatt tintuża għal miżuri jew deċiżjonijiet dwar xi persuna fiżika speċifika. Jenħtieġ li *data* anonimizzata jew psewdonimizzata preferibbilment tintuża għall-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-arkivjar ta' *data* personali għal finijiet ta' statistika skont dan ir-Regolament, sabiex jiġu ggarantiti s-salvagwardji kif adottati skont l-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Meta d-*data* personali tiġi pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew (UE) 2018/1725, jenħtieġ li jiġu applikati bis-sħiħ il-prinċipji tal-legalità, l-ekwità, it-trasparenza u l-akkuratezza, il-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-limitazzjoni tal-ħżin, u l-integrità u l-kunfidenzjalità. Bl-istess mod, jenħtieġ li japplikaw il-prinċipji statistiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u żviluppati aktar fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea.

(40) L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni jenħtieġ li tevolvi biex tkun tqis il-ħtiġijiet emerġenti tad-*data* li joħorġu mill-prijoritajiet ta' politika li qed jinbidlu, u mill-bidliet fis-sitwazzjoni demografika, migratorja, soċjali jew ekonomika fl-Unjoni. Il-Kummissjoni (Eurostat) jenħtieġ li twettaq studji pilota u tal-fattibbiltà li jivvalutaw il-fattibbiltà tal-adattamenti kkonċernati, kif xieraq, u jenħtieġ li tqis aspetti bħall-kostijiet u l-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri u d-disponibbiltà ta' sorsi tad-*data* xierqa. Meta tħejji dawk l-istudji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura r-rappreżentattività tal-istudji fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiġu riflessi d-diverġenzi fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa r-riżultati ta' dawk l-istudji f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

(41) Sabiex jitqiesu x-xejriet demografiċi, ekonomiċi u soċjali, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-ħtieġa li jitfasslu politiki mmirati tajjeb f'waqthom, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE sabiex temenda l-lista ta' suġġetti dettaljati koperti mill-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni u biex tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri għall-fini tal-ġbir ta' *data* statistika addizzjonali. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([21]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(42) L-importanza tal-istatistika Ewropea bħala parti essenzjali mit-teħid tad-deċiżjonijiet abbażi tal-evidenza hija riflessa fil-qafas tal-ipprogrammar u dak finanzjarju stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku). Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju mill-Programm tas-Suq Uniku kif ukoll mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([23]), f'konformità mal-objettivi u r-regoli marbuta ma' dawk l-istrumenti, għall-adattament tas-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom, għat-titjib tal-metodoloġija u tal-kwalità tad-*data* tal-istatistika, u għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni tal-ġbir addizzjonali kollu ta' *data* skont dan ir-Regolament.

([19]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([20]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj).

([21]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

([22]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/690/oj).

([23]) Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/240/oj).

(43) Skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 ([24]) u (UE, Euratom) Nru 883/2013 ([25]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([26]), (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([27]) u (UE) 2017/1939 ([28]), l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. Barra minn hekk, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-"UPPE") għandu s-setgħa bir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]). Skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kull persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkoopera bis-shiħ għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet meħtieġa u aċċess lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw b'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(44) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament b'rabta mal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-*data* u tal-metadata, il-formati tekniċi u l-proċeduri għall-forniment tad-*data* u tal-metadata, il-kontenut u l-istruttura tar-rapporti tal-kwalità, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]).

(45) Meta l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teħtieġ adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f'każijiet debitament ġustifikati u għal żmien limitat, tkun tista' tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati.

(46) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-produzzjoni sistematika ta' statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-konsistenza u l-komparabbiltà, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.

(47) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Marzu 2023 ([31]).

(48) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat,

([24]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

([25]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

([26]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj).

([27]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI:) http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj.

([28]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

([29]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj).

([30]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

([31]) ĠU C 123, 5.4.2023, p. 9.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadinanza" tfisser ir-rabta legali partikolari bejn persuna u Stat, miksuba bit-twelid jew bin-naturalizzazzjoni, kemm jekk b'dikjarazzjoni, b'għażla, bi żwieġ, b'adozzjoni jew b'xi mezz ieħor, f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(2) "residenza abitwali" tfisser il-post fejn persuna normalment tqattal-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament mill-assenzi temporanji minħabba rikreazzjoni, vaganzi, żjarat lill-ħbieb u lill-qraba, negozju, trattament mediku jew pellegrinaġġi reliġjużi, dment li dik il-persuna:

(a) għexet f'dak il-post għal ħafna mill-ħin matul it-12-il xahar qabel u fid-data ta' referenza; jew

(b) waslet f'dak il-post tul it-12-il xahar qabel u fid-data ta' referenza, u fejn hemm intenzjoni jew aspettattiva li dik il-persuna tibqa' hemm għal ħafna mill-ħin għal mill-inqas 12-il xahar mid-data tal-wasla tagħha;

(3) "sinjali tal-ħajja" tfisser informazzjoni li tindika l-preżenza attwali u r-residenza abitwali ta' persuna fit-territorju rilevanti li tista' tinkiseb mingħand kwalunkwe sors xieraq jew kombinament tagħhom, inkluż traċċi diġitali li jirrelataw mal-persuna kkonċernata;

(4) "migrazzjoni internazzjonali" tfisser l-avveniment biex persuna tistabbilixxi r-residenza abitwali tagħha fit-territorju ta' Stat Membru jew f'pajjiż terz, wara li qabel kienet abitwalment residenti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz ieħor;

(5) "immigrant" tfisser persuna li għaddiet minn migrazzjoni internazzjonali tul il-perjodu ta' referenza biex tistabbilixxi r-residenza abitwali l-ġdida tagħha fit-territorju tal-Istat Membru tar-rapportar;

(6) "migrant" tfisser persuna li għaddiet minn migrazzjoni internazzjonali tul il-perjodu ta' referenza biex tistabbilixxi r-residenza abitwali l-ġdida tagħha barra mit-territorju tal-Istat Membru tar-rapportar, wara li qabel kienet abitwalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru tar-rapportar;

(7) "migrazzjoni interna" tfisser l-avveniment biex persuna tbiddel il-post tar-residenza abitwali tagħha fit-territorju tal-Istat Membru tar-rapportar;

(8) "gruppi tal-popolazzjoni diffiċli biex jintlaħqu" tfisser gruppi ta' persuni li għalihom jeżisti ostaklu reali jew perċepit għall-inklużjoni jew l-identifikazzjoni sħiħa u rappreżentattiva fil-ġbir ta' *data* statistika, jew minħabba nuqqas ta' kopertura ta' dawn il-gruppi, jew minħabba nuqqas ta' karatteristiċi speċifiċi biex jidentifikawhom;

(9) "post tal-għajxien" tfisser struttura temporanja jew permanenti, post ta' kenn jew ta' alloġġ fejn tkun qed tgħix persuna waħda jew aktar, irrispettivament minn jekk ikunx imfassal jew maħsub għall-abitazzjoni mill-bniedem;

(10) "bini separat" tfisser bini mdawwar b'ħitan u mgħotti b'bejt jew saqaf b'tali mod li persuna waħda jew aktar ikunu jistgħu jirrisjedu hemmhekk indipendentement minn persuni oħrajn;

(11) "bini indipendenti" tfisser bini b'aċċess dirett minn triq, taraġ, passaġġ, kuritur jew art;

(12) "abitazzjoni konvenzjonali" tfisser bini strutturalment separat u bini indipendenti f'post fiss, li huwa mfassal għal abitazzjoni permanenti mill-bniedem u li fid-data ta' referenza huwa użat bħala residenza abitwali, mhux okkupat jew użat bħala residenza sekondarja jew staġjonali;

(13) "bini maħsub għall-abitazzjoni" tfisser struttura permanenti magħmula minn abitazzjoni konvenzjonali waħda jew aktar, jew li hija maħsuba għal akkomodazzjoni istituzzjonali jew kollettiva;

(14) "unità domestika" tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jaqsmu post tal-għajxien, jew persuna li ma tifformax parti minn unità domestika oħra;

(15) "istituzzjoni" tfisser post tal-għajxien kollettiv għall-fini li tipprovdi, għal grupp ta' persuni, abitazzjoni fit-tul u servizzi meħtieġa għall-ħajja ta' kuljum tagħhom;

(16) "familja" tfisser grupp ta' żewġ persuni jew aktar li jgħixu l-parti l-kbira taż-żmien fl-istess unità domestika u li huma relatati bil-paternità jew permezz ta' żwieġ, sħubija rreġistrata jew unjoni konsenswali;

(17) "rekords amministrattivi" tfisser *data* ġġenerata minn sors nonstatistiku, li huwa normalment reġistru miżmum minn korp pubbliku, li l-għan ewlieni tiegħu ma jkunx il-forniment tal-istatistika;

(18) "dominju" tfisser sett wieħed jew aktar tad-*data* li jkopri suġġetti speċifiċi;

(19) "suġġett" tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi, u kull suġġett ikun ikopri suġġett dettaljat wieħed jew aktar;

(20) "suġġett dettaljat" tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li għandha tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi relatati ma' suġġett, b'kull suġġett dettaljat ikun ikopri varjabbli wieħed jew aktar;

(21) "sett tad-*data*" tfisser varjabbli wieħed jew aktar, organizzati f'forma strutturata;

(22) "ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni" tfisser is-settijiet tad-*data* u metadata dettaljati ta' kull għaxar snin li għandhom jiġu pprovduti skont dan ir-Regolament;

(23) "unità statistika" tfisser membru wieħed ta' univers ta' entitajiet, jiġifieri persuni, oġġetti jew avvenimenti, li dwarhom tinġabar id-*data* u tiġi kkompilata l-istatistika;

(24) "varjabbli" tfisser karatteristika ta' unità statistika li jista' jkollha aktar minn sett wieħed ta' valuri;

(25) "diżaggregazzjoni" tfisser sett ta' valuri predefiniti, diskreti, eżawrjenti u reċiprokament esklużivi li jistgħu jiġu assenjati lil varjabbli li jikkaratterizzaw lil unitajiet statistiċi;

(26) "livell nazzjonali" tfisser livell marbut mat-territorju ta' Stat Membru;

(27) "livell reġjonali" jew "NUTS 3" tfisser livell NUTS 3 kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(28) "livell lokali" jew "LAU" tfisser livell tal-unità amministrattiva lokali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(29) "livell tal-grilja" tfisser grilja statistika miżmuma u ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

(30) "qafas" tfisser lista, materjal jew apparat li jiddelimita u jidentifika l-elementi tal-popolazzjoni fil-mira u li, skont l-użu tiegħu, jippermetti aċċess għal karatteristiċi addizzjonali tal-elementi jew jipprovduhom;

(31) "data ta' referenza" tfisser il-punt li għalih tirreferi l-istatistika;

(32) "perjodu ta' referenza" tfisser l-intervall taż-żmien li għalih tirreferi l-istatistika dwar l-avvenimenti;

(33) "żmien ta' referenza" tfisser data ta' referenza jew perjodu ta' referenza, skont jekk l-istatistika tkunx dwar avvenimenti jew dwar unitajiet statistiċi oħra;

(34) "metadata" tfisser informazzjoni meħtieġa biex l-istatistika tkun tista' tintuża u tiġi interpretata, u li tiddeskrivi s-settijiet tad-*data* b'mod strutturat;

(35) "settijiet tad-*data* verifikati minn qabel" tfisser settijiet tad-*data* verifikati mill-Istati Membri abbażi ta' regoli komuni miftiehma ta' validazzjoni.

Artikolu 3

Bażi tal-popolazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-bażi tal-popolazzjoni tikkonsisti fil-persuni kollha li fid-data ta' referenza jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-Unjoni f'unità territorjali speċifikata ta' Stat Membru, fil-livell nazzjonali, fil-livell reġjonali, fil-livell lokali jew fil-livell tal-grilja.

2. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha tinkludi lill-persuni abitwalment residenti kollha, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom u irrispettivament minn jekk humiex jew kinux apolidi.

3. Il-bażi tal-popolazzjoni għandha teskludi lill-persuni li r-residenza abitwali tagħhom tkun barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament mill-post tat-twelid jew taċ-ċittadinanza, u irrispettivament minn kull rabta familjari, soċjali, ekonomika jew ta' proprjetà li l-persuna għandha ma' dak l-Istat Membru.

4. Meta persuna ma jkollhiex residenza abitwali, il-post tagħha fid-data ta' referenza għandu jitqies bħala r-residenza abitwali tagħha.

5. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-definizzjoni ta' residenza abitwali prevista f'dan ir-Regolament għas-settijiet tad-*data* kollha mogħtija lill-Kummissjoni (Eurostat) skont dan ir-Regolament u għal-livell nazzjonali, il-livell reġjonali, il-livell lokali u l-livell tal-grilja, kif jinsab fl-Anness.

6. Meta japplikaw id-definizzjoni ta' residenza abitwali, l-Istati Membri għandhom jużaw:

(a) sors tad-*data* wieħed jew aktar tad-*data* elenkati fl-Artikolu 8(1);

(b) metodi ta' stima, soġġetti għall-Artikolu 11(2), biex tiġi żgurata implimentazzjoni preċiża tal-bażi tal-popolazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, bħal sinjali tal-ħajja, kif ukoll metodi ta' stima statistika oħrajn ibbażati fuq ix-xjenza, iddokumentati sew u disponibbli pubblikament li jqisu rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aħjar prattiki, biex jikkoreġu l-preżenza proprja fil-post preżunt tar-residenza abitwali għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar sad-data ta' referenza, u biex jiġi stmat l-għadd ta' persuni li jkun beħsiebhom jew jistennew li jibqgħu għal ħafna miż-żmien tul it-12-il xahar mid-data tal-wasla.

7. Għall-fini tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Kunsill id-*data* dwar il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri fi tmiem kull sena ta' referenza, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat) sat-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja wara s-sena ta' referenza. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi din id-*data* abbażi ta' informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri fis-sett ta' *data* speċifikat fl-Anness u abbażi ta' kwalunkwe sett ta' *data* rivedut trażmess mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u f'konformità mal-Artikolu 7(3), it-tieni u t-tielet subparagrafi, meta tali settijiet ta' *data* jiġu trażmessi mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Settembru tas-sena kalendarja wara s-sena ta' referenza.

Artikolu 4

Unitajiet statistiċi

L-istatistika skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkumpilata għall-unitajiet statistiċi li ġejjin:

(a) persuni;

(b) avvenimenti vitali;

(c) familji;

(d) unitajiet domestiċi;

(e) binjiet maħsuba għall-abitazzjoni;

(f) postijiet tal-għajxien, inkluż istituzzjonijiet;

(g) abitazzjonijiet konvenzjonali.

Artikolu 5

Rekwiżiti statistiċi

1. L-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni għandha tkopri d-dominji li ġejjin:

(a) id-demografija;

(b) l-akkomodazzjoni;

(c) il-familji u l-unitajiet domestiċi.

2. L-istatistika fid-dominji elenkati fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata f'settijiet tad-*data* f'konformità mal-lista tas-suġġetti u tas-suġġetti dettaljati u l-perjodiċità, iż-żminijiet ta' referenza, l-iskadenzi tat-trażmissjoni tad-*data* u l-livelli territorjali korrispondenti tagħhom, kif jinsab fl-Anness. Meta l-unità statistika tkun persuna, is-settijiet tad-*data* għandhom jiġu diżaggregati tal-inqas skont il-ġeneru u l-età, ħlief kif previst fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna tal-Anness.

Fir-rigward tas-suġġett dettaljat "karatteristiċi tal-bini relatati mal-enerġija", id-*data* li għandha tiġi trażmessa dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini għandha tkun ristretta għad-*data* disponibbli fil-bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, stabbilit skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2024/1275, tal-Istat Membru rilevanti.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex temenda l-lista tas-suġġetti dettaljati stabbiliti fl-Anness. Meta att delegat jintroduċi suġġett dettaljat ġdid, dak l-att delegat jista' jinkludi wkoll il-perjodiċità rilevanti, iż-żmien ta' referenza, l-iskadenza tat-trażmissjoni u l-livell territorjali. Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati mill-inqas 18-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti.

4. Meta l-Kummissjoni teżerċita s-setgħa tagħha li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tiżgura li:

(a) l-atti delegati jkunu debitament ġustifikati u ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti;

(b) studji tal-fattibbiltà jew studji pilota kif imsemmi fl-Artikolu 13 jitwettqu u r-riżultati tagħhom jitqiesu qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe att delegat.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika s-settijiet tad-*data* u l-metadata li għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu:

(a) lista ta' varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom, dment li d-diżaggregazzjonijiet territorjali mhumiex aktar dettaljati mil-livelli territorjali stabbiliti fl-Anness;

(b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;

(c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li għandhom jintużaw;

(d) il-formati tekniċi għas-settijiet ta' *data* u trażmissjoni ta' metadata u speċifikazzjonijiet ulterjuri, meta meħtieġa u ġustifikati;

(e) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kategoriji ta' aġġustament iddedikati imsemmi fl-Artikolu 11(2).

6. Qabel ma l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tivvaluta l-istatistika relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi diġà miġbura skont ir-Regolament (UE) 2019/1700. Meta tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti raġunijiet li jiġġustifikaw l-inklużjoni ta' kwalunkwe varjabbli u diżaggregazzjoni diġà miġbura skont dak ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma għandhomx jirrikjedu *data* li, min-natura tagħha, tista' tinġabar biss direttament minn individwi.

7. L-atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

Huma għandhom jiġu adottati mill-inqas 18-il xahar qabel ma jibda l-perjodu ta' referenza rilevanti, għajr b'rabta:

(a) mal-ewwel żminijiet ta' referenza kif stabbilit fl-Artikolu 6(5), li għalihom l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-anqas 12-il xahar qabel il-bidu taż-żmien ta' referenza rilevanti; u

(b) maċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni, li għalih l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati mill-inqas 24 xahar qabel ma tibda s-sena meta taħbat id-data ta' referenza.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma jimponux piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

8. Għandhom jitwettqu studji tal-fattibbiltà jew studji pilota kif imsemmi fl-Artikolu 13 u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu vvalutati u jitqiesu kif xieraq qabel ma ssir kwalunkwe modifika tad-diżaggregazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu.

9. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistipula l-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri għal massimu ta' tliet snin ta' referenza, dment li l-ġbir ta' *data* addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jitqies li hu meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġijiet addizzjonali ta' *data* statistika li ma jistgħux jiġu ssodisfati b'mod ieħor. B'mod partikolari l-atti delegati msemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx jirriżultaw f'obbligu li jitwettaq stħarriġ statistiku ġdid.

Dawk l-atti delegati għandhom jistabbilixxu:

(a) is-suġġetti dettaljati li għandhom jiġu koperti f'konformità ma' dan il-paragrafu, relatati mad-dominji u s-suġġetti speċifikati fl-Anness, u r-raġunijiet għal dawk il-ħtiġijiet addizzjonali ta' *data* statistika;

(b) fir-rigward tas-suġġetti dettaljati msemmija fil-punt (a), il-perjodiċità, iż-żminijiet ta' referenza, l-iskadenzi tat-trażmissjoni u l-livelli territorjali.

Dawk l-atti delegati ma għandhomx japplikaw għaż-żminijiet ta' referenza qabel l-2030 u għandhom jipprevedu minimu ta' sentejn bejn iż-żminijiet ta' referenza għal kull ġbir ta' *data* addizzjonali. Dawk l-atti delegati ma għandhomx jintroduċu rekwiżiti tal-istatistika bi żminijiet ta' referenza li jaqgħu fis-snin ta' referenza msemmija fl-Artikolu 6(2).

Għandhom jitwettqu studji tal-fattibbiltà jew studji pilota kif imsemmi fl-Artikolu 13 u r-riżultati tagħhom għandhom jitqiesu qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe att delegat skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 9 u l-metadata rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu:

(a) lista ta' varjabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom, dment li d-diżaggregazzjonijiet territorjali ma jistgħux ikunu aktar dettaljati mil-livelli territorjali stabbiliti fl-att delegat korrispondenti msemmi fil-paragrafu 9, it-tieni subparagrafu, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu;

(b) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi u tal-metadata;

(c) il-klassifikazzjonijiet statistiċi li għandhom jintużaw;

(d) il-formati tekniċi għal settijiet ta' *data* u trażmissjoni ta' metadata u speċifikazzjonijiet ulterjuri, meta meħtieġa u ġustifikati.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu adottati, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2), sa 18-il xahar qabel jibda ż-żmien ta' referenza rilevanti.

Għandhom jitwettqu studji tal-fattibbiltà jew studji pilota kif imsemmi fl-Artikolu 13 u r-riżultati tagħhom għandhom jitqiesu kif xieraq qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe att ta' implimentazzjoni.

11. L-istudji msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (b), fil-paragrafu 8, fil-paragrafu 9, ir-raba' subparagrafu, u fil-paragrafu 10, it-tielet subparagrafu, ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffinanzjati f'konformità mal-Artikolu 14.

Artikolu 6

Perjodiċità u żminijiet ta' referenza

1. L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni fuq bażi trimestrali, annwali u pluriennali, u f'ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.

2. Is-snin li jintemmu b'"1" għandhom ikunu s-snin ta' referenza għaċ-ċensiment tal-popolazzjoni u tal-akkomodazzjoni ta' kull għaxar snin.

3. Is-snin li jintemmu b'"1", bil-"5" u bit-"8" għandhom ikunu s-snin ta' referenza għall-istatistika pluriennali.

4. Il-perjodiċità u ż-żmien ta' referenza għal kull suġġett dettaljat għandhom ikunu kif jinsab fl-Anness.

5. L-ewwel data ta' referenza li għaliha għandha tingħata l-istatistika annwali dwar is-suġġett "stokkijiet tal-popolazzjoni" għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2027. L-ewwel data ta' referenza li għaliha għandha tiġi pprovduta statistika deċennali għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2031. Stat Membru għandu jittrażmetti d-*data* dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, għall-ewwel darba, mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data li fiha l-bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija tkun disponibbli f'dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2024/1275. L-ewwel żmien ta' referenza li għalih għandha tingħata kull statistika oħra skont dan ir-Regolament għandu jkun fl-2028.

Artikolu 7

Settijiet tad-data u l-metadata li għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) settijiet tad-data u metadata verifikati minn qabel f'konformità mal-Anness, bl-użu ta' format tekniku li għandu jiġi speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Is-servizzi ta' punt ta' dħul uniku għandhom jintużaw biex jittrażmettu is-settijiet tad-*data* u l-metadata lill-Kummissjoni (Eurostat).

2. Meta l-Istati Membri jippubblikaw settijiet tad-*data* meħtieġa minn dan ir-Regolament fil-livell nazzjonali qabel l-iskadenzi tat-trażmissjoni stabbiliti fl-Anness jew fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 5(9), l-Istati Membri għandhom jipprovdu dawk is-settijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi 30 jum kalendarju mid-data tal-pubblikazzjoni nazzjonali jew sal-iskadenzi tat-trażmissjoni stabbiliti fl-Anness jew f'dawk l-atti delegati, liema minnhom jiġi l-ewwel.

3. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat):

(a) settijiet tad-*data* u metadata riveduti jekk tkun saret xi reviżjoni wara li jkunu ngħataw inizjalment is-settijiet tad-*data* meħtieġa skont dan ir-Regolament;

(b) settijiet tad-*data* u metadata riveduti għall-perjodu taż-żmien rilevanti jekk tkun saret xi reviżjoni fis-settijiet tad-*data* mogħtija lill-Kummissjoni (Eurostat) qabel l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni s-settijiet tad-*data* u l-metadata riveduti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu sa 14-il jum kalendarju mir-reviżjoni, flimkien mar-rapportar tal-kwalità skont l-Artikolu 11.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe deċiżjoni biex jiġu riveduti s-settijiet tad-*data* jew il-metadata msemmija f'dan il-paragrafu.

Artikolu 8

Sorsi ta' data u metodi

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jużaw wieħed jew aktar mis-sorsi tad-*data* li ġejjin, dment li tali sorsi tad-*data* jkunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11:

(a) sorsi tad-*data* amministrattiva;

(b) stħarriġiet statistiċi jew ġabriet oħra tad-*data* statistika;

(c) sorsi oħra, inkluż *data* miżmuma privatament;

(d) l-użu ta' *data* derivata mill-kondiviżjoni tad-*data* fost l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, inkluż dawk ta' Stati Membri oħra, u bejn dawk l-istituti u l-awtoritajiet u l-Kummissjoni (Eurostat), fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS, European Statistical System).

2. Fil-każ li talba sottomessa minn istitut nazzjonali tal-istatistika jew mill-Kummissjoni (Eurostat) lil detentur ta' *data* privata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tikkonċerna *data* personali minn sorsi tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, dik it-talba għandha tkun limitata għall-kategoriji ta' *data* personali koperti mid-dominji u s-suġġetti speċifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament jew meħtieġa għall-metodi ta' stima statistika f'konformità mal-Artikolu 3(6), il-punt (b).

3. L-Istati Membri għandu jkollhom il-mira li jiżviluppaw kontinwament sorsi u metodi innovattivi u jużawhom biex itejbu l-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament, dment li dawn ikunu jippermettu l-produzzjoni ta' statistika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 11.

4. L-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament għandha tkun ibbażata fuq metodi statistikament sodi u dokumentati sew, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aqwa prattiki bħas-sinjali tal-ħajja u metodi oħra ta' stima statistika bbażati fuq ix-xjenza użati għall-kompilazzjoni tal-istatistika dwar il-popolazzjoni abitwalment residenti fl-Istati Membri.

Artikolu 9

Aċċess f'waqtu għal, u użu ta', data amministrattiva

1. Skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-korpi pubbliċi u semipubbliċi nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-*data* amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu tad-*data* f'waqtu u bi frekwenza biżżejjed biex jippermettu l-produzzjoni u t-trażmissjoni tal-istatistika sal-iskadenzi u f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u l-korpi pubbliċi u semipubbliċi nazzjonali responsabbli għar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa biex jiżguraw l-aċċess għal dawk ir-rekords f'waqtu u mingħajr ħlas.

2. Għall-fini tal-produzzjoni ta' statistika dwar is-suġġett dettaljat tal-karatteristiċi tal-bini relatati mal-enerġija, l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandu jkollhom aċċess f'waqtu u regolari għall-bażijiet tad-*data* nazzjonali dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1275, u għandhom jitħallew jużaw id-*data* amministrattiva minn dawk il-bażijiet tad-*data*.

3. Għall-fini tal-produzzjoni ta' diżaggregazzjonijiet tal-popolazzjoni skont il-ġeneru, l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom jużaw l-informazzjoni disponibbli fis-sorsi ta' *data* amministrattiva nazzjonali.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u tuża f'waqtu d-*data* u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-*data* u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż dawk stabbiliti skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014 u (UE) 2018/1724, u *data* statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS). B'mod partikolari, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla taċċessa d-*data* mis-CRRS li joriġinaw minn sistemi interoperabbli tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-"eu-LISA"), f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 u mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-*data* statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-*data* statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, l-arranġamenti operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha.

Artikolu 10

Listi tal-pajjiżi u t-territorji

1. Meta s-settijiet tad-*data* jkunu jinkludu informazzjoni skont il-pajjiż jew it-territorju, l-Istati Membri għandhom jużaw diżaggregazzjonijiet speċifiċi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw jew jaġġornaw il-listi tal-pajjiżi u t-territorji li japplikaw għad-diżaggregazzjonijiet tal-istatistika miġbura skont dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament.

3. L-atti ta' implimentazzjoni li jemendaw aktar minn 25 % tal-kategoriji ta' diżaggregazzjoni tal-pajjiżi jew tat-territorji għandhom japplikaw mhux qabel 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 11

Rekwiżiti tal-kwalità u rappurtar dwar il-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tas-settijiet tad-*data* u l-metadata trażmessi permezz ta' valutazzjoni u monitoraġġ:

(a) tal-kwalità tas-sorsi tad-*data* użati;

(b) tal-eżawrjenza u l-akkuratezza tal-popolazzjoni koperta f'konformità mal-Artikolu 3(6), b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi tal-popolazzjoni diffiċli biex jintlaħqu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* miksuba bl-użu tas-sorsi u l-metodi stabbiliti fl-Artikolu 8 tagħti stima preċiża tal-popolazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3.

Il-kwalità tal-kopertura tad-*data* abbażi tal-Artikolu 3(6) għandha tiġi kkonfermata u deskritta bir-reqqa mill-Istati Membri fil-metadata ta' akkumpanjament u r-rapporti tal-kwalità skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi ta' stima mwettqa għall-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 3(6), il-punt (b), u deskritti fir-rapporti tal-kwalità, biex jaġġustaw is-settijiet tad-*data* kollha għas-suġġetti dettaljati "il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna", "il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna" u "is-sitwazzjoni tal-unità domestika tal-persuna", imħejjija abbażi tas-sorsi msemmija fl-Artikolu 3(6), il-punt (a).

L-Istati Membri jistgħu jużaw dawk il-metodi ta' stima għal aktar diżaggregazzjonijiet dettaljati. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jużaw kategorija ta' aġġustament iddedikata.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u effettivi biex:

(a) jistabbilixxu oqfsa li huma validi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u li jistgħu jintużaw għall-finijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/1700;

(b) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż fl-għadd jew ta' għadd doppju relatati mal-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni u, sa fejn hu possibbli, mal-aċċess tal-persuni għas-servizzi transfruntieri relatati mal-avvenimenti vitali, u mad-drittijiet tal-persuni li jixtru proprjetà transfruntiera, li jippossjedu u jużaw proprjetà għall-akkomodazzjoni fl-Unjoni, permezz, fost l-oħrajn, tal-użu ta' identifikaturi diġitali uniċi;

(c) jevitaw riskji possibbli ta' qbiż fl-għadd jew ta' għadd doppju u jiżguraw komparabbiltà aħjar ta' flussi migratorji.

5. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tal-metadata dwar l-ispeċifikazzjonijiet u tad-*data* trażmessa bil-ħsieb, fost l-oħrajn, li tippubblikaha b'mod faċli għall-utent fuq is-sit web tal-Kummissjoni (Eurostat).

6. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport tal-kwalità lill-Kummissjoni (Eurostat), għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2030, u sussegwentement sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena li tintemm b'"0", bi "3" jew b'"7", li jiddeskrivi l-kwalità tal-istatistika pprovduta u l-proċessi statistiċi għas-settijiet tad-*data* pprovduti tul il-perjodu rilevanti. Dawk ir-rapporti tal-kwalità għandhom jinkludu informazzjoni dwar is-sorsi tad-*data* u l-metodi użati, l-applikazzjoni tal-kunċetti u d-definizzjonijiet u l-effetti possibbli relatati fuq il-kwalità tas-sorsi tad-*data* magħżula, ir-reviżjonijiet tad-*data* u r-raġunijiet u l-impatti tagħhom u l-metodi tal-kontroll tal-iżvelar statistiku. Ir-rapporti tal-kwalità għandhom jagħtu wkoll dettalji dwar kif l-Istati Membri applikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u kif ġew issodisfati l-kriterji tal-kwalità msemmija fil-paragrafu 3.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom, imsemmija fil-paragrafi 6 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni ma għandhomx jimponu piż jew spiża addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri. Għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

8. Kwalunkwe adattament kbir previst mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu jista' jkun is-suġġett ta' appoġġ finanzjarju u tekniku skont l-Artikolu 14 jew soġġett għal deroga skont l-Artikolu 18.

9. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw kemm jista' jkun malajr lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-istatistika pprovduta u għandhom, fil-każ ta' effett negattiv fuq il-kwalità ta' dik l-istatistika, jieħdu azzjoni biex isolvu l-kwistjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

10. Fuq talba debitament ġustifikata mill-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu, mingħajr dewmien żejjed, il-kjarifiki addizzjonali meħtieġa għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kwalità tal-informazzjoni statistika, bħar-riżultati tal-valutazzjoni tas-sorsi tad-*data* u d-dokumentazzjoni tal-metodi.

Artikolu 12

Kondiviżjoni tad-data

1. L-għan tal-kondiviżjoni tad-*data* fost l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, inklużi dawk ta' Stati Membri oħra, u bejn dawk l-istituti u l-awtoritajiet u l-Kummissjoni (Eurostat) għandu jkun esklużivament biex tiġi żviluppata u prodotta l-istatistika Ewropea li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex titjieb il-kwalità ta' tali statistika Ewropea.

2. Għall-fini li tiġi żgurata l-kondiviżjoni sigura tad-*data* fl-ESS, bis-salvagwardji meħtieġa kollha b'rabta mal-protezzjoni fiżika, teknika u loġika tad-*data*, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistabbilixxi infrastruttura sigura biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jistgħu jużaw dik l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-*data* għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni (Eurostat) u dawk l-istituti u l-awtoritajiet li jużaw dik l-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-*data* għall-ipproċessar ta' *data* personali f'konformità mal-paragrafu 3 għandhom jitqiesu bħala kontrolluri konġunti għall-ipproċessar ta' *data* personali fl-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-*data*. Fil-każ li dawk l-istituti u l-awtoritajiet jużaw infrastruttura oħra għall-kondiviżjoni tad-*data*, huma għandhom jiżguraw li tali infrastruttura tipprevedi sigurtà li hija tal-anqas ekwivalenti għas-sigurtà pprovduta mill-infrastruttura sigura għall-kondiviżjoni tad-*data* stabbilita mill-Kummissjoni (Eurostat).

3. Il-kondiviżjoni ta' *data* kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (7), tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jew *data* personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew (UE) 2018/1725, tista' ssir b'mod volontarju dment li tali kondiviżjoni tkun:

(a) ibbażata fuq talba li tiġġustifika l-ħtieġa li d-*data* tiġi kondiviża f'kull każ individwali, b'mod partikolari b'rabta ma' kwistjonijiet tal-kwalità li għandhom jiġu indirizzati speċifikament;

(b) ibbażata fuq teknoloġiji li jsaħħu l-privatezza u mfassla speċifikament biex jimplimentaw il-prinċipji tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, b'attenzjoni partikolari għal-limitazzjoni tal-iskop, il-minimizzazzjoni tad-*data*, il-limitazzjoni tal-ħżin, l-integrità u l-kunfidenzjalità;

(c) imwettqa f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. Għall-fini stabbilit fil-paragrafu 1, id-*data* mhux kunfidenzjali għandha tiġi kondiviża fost l-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, inklużi dawk ta' Stati Membri oħra, u bejn dawk l-istituti u l-awtoritajiet u l-Kummissjoni (Eurostat).

5. Il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri għandhom iwettqu studji pilota biex jittestjaw u jivvalutaw l-infrastruttura għat-teknoloġiji rilevanti li jtejbu l-privatezza fil-kondiviżjoni tad-*data*, u l-adegwatezza tagħhom.

6. Meta l-istudji pilota mwettqa skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jidentifikaw soluzzjonijiet effettivi u siguri għall-kondiviżjoni tad-*data* għall-fini stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi għall-kondiviżjoni tad-*data* u miżuri għall-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

Artikolu 13

Studji pilota u tal-fattibbiltà

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, meta meħtieġ u xieraq għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tniedi studji pilota u tal-fattibbiltà bil-għan li:

(a) tivvaluta d-disponibbiltà tas-sorsi tad-*data* u l-kwalità tagħhom, inkluż ta' *data* miżmuma pubblikament u privatament fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali;

(b) tiżviluppa, u tivvaluta l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta', suġġetti dettaljati ġodda, unitajiet statistiċi ġodda, u varjabbli ġodda u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom, kif ukoll tiżviluppa u tivvaluta l-fattibbiltà ta' kwistjonijiet oħra koperti mill-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament;

(c) tivvaluta d-disponibbiltà tas-sorsi tad-*data* dwar id-diżabbiltà ta' persuni u tittestja l-istatistika diżaggregata, f'konformità mad-dritt u l-prattika nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-kontroll tad-divulgazzjoni;

(d) tiżviluppa metodoloġiji u tekniki statistiċi ġodda biex issaħħaħ il-kwalità u ttejjeb l-informazzjoni dwar gruppi ta' popolazzjoni diffiċli biex jintlaħqu;

(e) tnaqqas l-assimetriji fid-*data* tal-flussi migratorji u tiżgura l-komparabbiltà mtejba tal-flussi migratorji;

(f) tnaqqas il-possibbiltà ta' għadd insuffiċjenti jew għadd doppju tan-nies;

(g) tittestja u tivvaluta l-infrastruttura għat-teknoloġiji rilevanti li jsaħħu l-privatezza għal kondiviżjoni sigura tad-*data* fl-ESS f'konformità mal-Artikolu 12(5), u l-adegwatezza tagħhom;

2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-istudji pilota u tal-fattibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 iżda, flimkien mal-Kummissjoni (Eurostat), għandhom jiżguraw ir-rappreżentattività ta' dawk l-istudji fil-livell tal-Unjoni.

3. Ir-riżultati tal-istudji pilota u tal-fattibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji rapporti, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, dwar is-sejbiet ta' dawk l-istudji.

Artikolu 14

Finanzjament

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Programm tas-Suq Uniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/690, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, għal:

(a) adattamenti tal-infrastruttura u t-taħriġ fis-sistema nazzjonali tal-istatistika meħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta': sorsi tad-*data*, metodoloġiji, kondiviżjoni tad-*data*, unitajiet statistiċi, suġġetti, suġġetti dettaljati, u varjabbli ġodda jew imtejba, u d-diżaggregazzjonijiet tagħhom;

(b) it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-ġbir tad-*data* statistika addizzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 5(9);

(c) il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fi studji pilota u tal-fattibbiltà rappreżentattivi msemmija fl-Artikolu 13.

Kontribuzzjoni finanzjarja tista' wkoll issir disponibbli mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

2. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-regoli tal-Programm tas-Suq Uniku bħala parti mill-proċedura baġitarja annwali, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

L-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 jistgħu japplikaw ukoll għal appoġġ minn programmi finanzjarji applikabbli oħrajn tal-Unjoni f'konformità mar-regoli ta' programmi bħal dawn. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japplikaw għall-appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex itejbu l-kwalità tal-istatistika u jiżviluppaw metodoloġiji b'appoġġ għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-regoli tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u mal-objettiv tiegħu li jrawwem il-produzzjoni, il-forniment u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-*data* u tal-istatistika.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż id-90 % tal-kostijiet eliġibbli.

Artikolu 15

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fl-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament b'deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew abbażi ta' xi strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa biex l-uffiċjal awtorizzatorju responsabbli, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Artikolu 16

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(3) u (9) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2026. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem ta' dak il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(3) u (9) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5(3) jew (9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 17

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Derogi

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan, tkun teżiġi xi adattamenti kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħti derogi lill-Istati Membri kkonċernati, għal massimu ta' tliet snin f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 4 u 5.

2. Meta hemm evidenza suffiċjenti fi tmiem il-perjodu li għalih tkun ingħatat li deroga kif imsemmi fil-paragrafu 1 tibqa' ġġustifikata, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tagħti deroga sussegwenti għal massimu ta' tliet snin f'konformità mal-paragrafi 4 u 5.

3. Meta tagħti derogi skont il-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tqis il-komparabbiltà tal-istatistika tal-Istat Membri u l-bżonn ta' kalkolu f'waqtu tal-aggregati statistiċi rappreżentattivi u affidabbli meħtieġa fil-livell Ewropew. Meta tagħti tali derogi, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-rekwiżiti relatati mal-istatistika, mal-metadata u mal-kwalità koperti minn dan ir-Regolament, u koperti, qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, mir-Regolament (UE) Nru 1260/2013 jew mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 862/2007, jissoktaw bla interruzzjoni.

4. L-Istati Membri li jitolbu deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ikkonċernat, jew, fil-każ ta' talba għal estensjoni skont il-paragrafu 2, sitt xhur qabel tmiem il-perjodu li għalih tkun ingħatat id-deroga eżistenti.

5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).

Artikolu 19

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 862/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Ewropea dwar proċeduri ta'ażil u dwar il-proċeduri amministrattivi u ġuridiċi relatati mal-leġiżlazzjoni dwar l-immigrazzjoni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin";

(2) fl-Artikolu 1, il-punti (a) u (b) jitħassru;

(3) l-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassru l-punti (a), (b) u (c) jitħassru;

(b) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) 'ċittadinanza' tfisser ċittadinanza kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2025/2458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*)

(*) Ir-Regolament (UE) 2025/2458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 (ĠU L, 2025/2458, 12.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2458/oj).";

(c) il-punti (f) u (g) jitħassru.

(4) l-Artikolu 3 jitħassar;

(5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 9c*

Aċċess f'waqtu u użu ta' data amministrattiva

1. Skont l-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, il-korpi pubbliċi u semipubbliċi nazzjonali responsabbli għas-sorsi tad-*data* amministrattiva rilevanti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-użu ta' dawk is-sorsi tad-*data* f'waqtu u bi frekwenza biżżejjed biex jippermettu l-produzzjoni u t-trażmissjoni tal-istatistika sal-iskadenzi u f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-istituti nazzjonali tal-istatistika u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 u l-korpi pubbliċi u semipubbliċi nazzjonali responsabbli għar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa biex jiżguraw l-aċċess għal dawk ir-rekords f'waqtu u mingħajr ħlas.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla, meta titlob dan, taċċessa u tuża f'waqtu d-*data* u l-metadata rilevanti mill-bażijiet tad-*data* u s-sistemi tal-interoperabbiltà miżmuma mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, inkluż dawk stabbiliti skont ir-Regolamenti (UE) Nru 910/2014 (*) u (UE) 2018/1724 (**) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u *data* statistika maħżuna fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS). B'mod partikolari, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha titħalla taċċessa d-*data* mis-CRSS li joriġinaw mis-Sistemi interoperabbli tal-IT fuq Skala Kbira (LSITs) ġestiti mill-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (l-'eu-LISA'), f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/817 (***) u (UE) 2019/818 (****) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mar-Regolamenti li jistabbilixxu s-sistemi li d-*data* statistika tagħhom tinħażen fis-CRRS. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tibqa' tikkoopera mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex tispeċifika d-*data* statistika u l-metadata personalizzati meħtieġa, meta possibbli skont il-liġijiet tal-Unjoni, għal statistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, l-arranġamenti operazzjonali għall-forniment tagħha u s-salvagwardji fiżiċi u loġiċi meħtieġa li jakkumpanjawha.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1, ELIhttp://data.europa.eu/eli/reg/2018/1724/oj:).

(***) Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/oj).

(****) Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).";

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 10a*

Listi tal-pajjiżi u t-territorji

Il-listi tal-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2025/2458 għandhom jiġu applikati għall-kompilazzjoni tal-istatistika skont dan ir-Regolament biex tkun żgurata l-komparabbiltà tad-dettalji speċifiċi għall-pajjiżi u speċifiċi għat-territorji fl-istatistika Ewropea kollha. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-listi għall-ewwel darba biex jikkompilaw l-istatistika meħtieġa skont dan ir-Regolament, li tibda bit-trażmissjonijiet tad-*data* għas-sena ta' referenza 2028.".

Artikolu 20

Tħassir

Ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2028, mingħajr preġudizzju għall-obbligi stabbiliti f'dawk l-atti legali b'rabta mal-perjodi ta' referenza li jaħbtu, kompletament jew parzjalment, qabel dik id-data.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-26 ta' Novembru 2025.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	M. BJERRE

ANNESS

Dominji, suġġetti u suġġetti dettaljati bil-perjodiċità, żmien ta' referenza, skadenza tat-trażmissjoni u livell territorjali għal kull suġġett dettaljat

Dominju	Suġġett	Suġġett dettaljat	Perjodiċità	Żmien ta' referenza (data jew perjodu)	Skadenza tat-trażmissjoni	Livell territorjali
Demografija	Stokkijiet tal-popolazzjoni	Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna	A	31.12.SS	T+60 jum	Nazzjonali (1)
					T+6 xhur	Nazzjonali (2) + (3)
					T+10 xhur (4)	NUTS 3
					T+12-il xahar (5)	Grilja (2)
			PA	31.12.SS	T+18-il xahar (5)	NUTS 3
			PA	31.12.SS	T+24 xahar	LAU
			D	31.12.SS	T+18-il xahar (5)	NUTS 3
			D	31.12.SS	T+24 xahar	LAU
		Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna	PA	31.12.SS	T+18-il xahar (5)	NUTS 3 + Grilja (6)
			PA	31.12.SS	T+24 xahar	LAU
			D	31.12.SS	T+24 xahar	NUTS 3 + LAU

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2458/oj

Dominju	Suġġett	Suġġett dettaljat	Perjodiċità	Żmien ta' referenza (data jew perjodu)	Skadenza tat-trażmissjoni	Livell territorjali
	Fertilità	Twelid ħaj	T	Xahar	T+60 jum	Nazzjonali ([1])
			A	Sena	T+10 xhur ([4])	NUTS 3 + LAU
		Aborti kkawżati legalment ([6])	A	Sena	T+12-il xahar	Nazzjonali
	Mortalità	Imwiet	T	Xahar, Ġimgħa ([6])	T+60 jum	Nazzjonali ([2])
			A	Sena	T+10 xhur ([4])	NUTS 3 + LAU
		Imwiet tat-trabi	A	Sena	T+9 xhur ([4])	Nazzjonali
		Imwiet tal-fetu tard ([6])	A	Sena	T+12-il xahar	Nazzjonali
	Unjonijiet	Żwiġijiet u unjonijiet reġistrati	A	Sena	T+12-il xahar	Nazzjonali
		Karatteristiċi tal-persuni li jidħlu fiż-żwieġ jew f'unjoni reġistrata	A	Sena	T+12-il xahar	Nazzjonali
		Divorzji u unjonijiet reġistrati mitmuma	A	Sena	T+12-il xahar	Nazzjonali

Dominju	Suġġett	Suġġett dettaljat	Perjodiċità	Żmien ta' referenza (data jew perjodu)	Skadenza tat-trażmissjoni	Livell territorjali
	Migrazzjoni	Immigranti	T	Xahar	T+120 jum	Nazzjonali ([1])
			A	Sena	T+6 xhur	Nazzjonali ([2])
					T+12-il xahar	NUTS 3
		Emigranti	A	Sena	T+6 xhur	Nazzjonali ([2])
					T+12-il xahar	NUTS 3
		Migrazzjoni interna	A	Sena	T+12-il xahar	NUTS 3
	Ksib u telf taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru u tal-Unjoni	Persuni li kisbu ċ-ċittadinanza	A	Sena	T+9 xhur	Nazzjonali
		Persuni li tilfu/irrinunzjaw iċ-ċittadinanza	A	Sena	T+9 xhur ([4])	Nazzjonali
Akkomodazzjoni	Postijiet tal-għajxien	Karatteristiċi tal-postijiet tal-għajxien	D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU
	Abitazzjonijiet konvenzjonali	Karatteristiċi bażiċi tal-bini	PA	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU + Grilja
			D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU
		Karatteristiċi tal-bini relatati mal-enerġija ([7])	A (mill-2035 'il quddiem)	31.12.SS	T+12-il xahar	NUTS 3
			PA	31.12.SS	T+18-il xahar ([5])	NUTS 3 + Grilja
			D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU

Dominju	Suġġett	Suġġett dettaljat	Perjodiċità	Żmien ta' referenza (data jew perjodu)	Skadenza tat-trażmissjoni	Livell territorjali
	Abitazzjonijiet konvenzjonali okkupati	Karatteristiċi tal-abitazzjonijiet konvenzjonali okkupati	D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3
		Użu tal-abitazzjonijiet konvenzjonali okkupati	D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3
Familji u unitajiet domestiċi	Familji	Karatteristiċi tal-familja	D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU
	Unitajiet Domestiċi	Karatteristiċi tal-unità domestika	A	31.12.SS	T+24-il xahar	Nazzjonali
			PA	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU
		Is-sitwazzjoni tal-unità domestika tal-persuna	A	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3
			D	31.12.SS	T+24-il xahar	NUTS 3 + LAU

([1]) L-ewwel stima taċ-ċifra totali fil-livell nazzjonali.
([2]) L-ewwel stima, id-diżaggregazzjonijiet huma limitati għall-età u s-sess.
([3]) Il-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali f'dan is-sett ta' *data* hija pprovduta mill-Kummissjoni lill-Kunsill skont l-Artikolu 3(7).
([4]) T+12-il xahar sa 2035.
([5]) T+24-il xahar sa 2035.
([6]) Din tingħata b'mod volontarju.
([7]) Skont l-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament, Stat Membru għandu jittrażmetti d-*data* dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, għall-ewwel darba, mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data li fiha l-bażi tad-*data* nazzjonali għar-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija stabbilit skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2024/1275 tkun disponibbli f'dak l-Istat Membru. Skont l-Artikolu 5(2), it-tieni subparagrafu ta' dan ir-Regolament, id-*data* dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini għandha tkun ristretta għad-*data* disponibbli f'din il-bażi tad-*data* nazzjonali.

Kodiċi għall-kolonna intestata “Perjodiċità”	
Trimestrali	T
Annwali	A
Pluriennali (snin li jintemmu b’“1”, bil-“5”, bit-“8”)	PA
Kull għaxar snin (snin li jispiċċaw b’“1”)	D